MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 61/2008

**Emanuel Gauci ghan-nom u fl-interess ta' l-imsiefer Joseph Vella kif awtorizzat bis-sahha ta' prokura rilaxxjata fit-3 ta' Dicembru 2007**

**Vs**

**Carmela mart Charles Debrincat, Antonia armla ta' Laurence Spiteri u b'digriet tat-18 ta' Lulju 2008 Michelina Bugeja giet nominata kuratur deputat biex tidher ghall-imsiefra (i) Dolores mart Sam Apap; (ii) Margaret mart Frank Said; (iii) Charles Vella u (iv) Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony, u Margaret Cybulski ahwa Vella u b'digriet tat-3 ta' Awwissu 2011 Dr Jean Paul Grech gie nominat kuratur biex jirrapprezenta lill-imsefrin Dolores mart Sam Apap, Margaret mart Frank Said, Charles Vella, Rose Enea, Frank Vella, Joseph Vella, Anthony Vella u Margaret Cybulski minflok Michelina Bugeja peress illi m'ghadhiex disposta tidher ghan-nom u fl-interess ta' dawn il-persuni**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Illi Francis u Josephine konjugi Vella huma l-genituri tar-rikorrenti u l-intimati kollha hlief ghal Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski, ahwa Vella, li taghhom huma n-nanniet paterni.

2. Illi fl-ghaxra (10) ta' Mejju elf disa' mija u sebgha u sittin (1967) mietet l-imsemmija Josephine Vella, bint il-mejtin Saviour Spiteri u Mary Dolores nee' Gambin, imwielda u kienet toqghod Sannat, Ghawdex, u dan kif jidher mic-certifikat tal-mewt li kopja tieghu qed jigi hawn annessa bhala A.

3. Illi l-imsemmija Josephine Vella mietet intestata (Dok B u C) u ghaldaqstant wirtuha skont il-ligi wliedha u cioe' r-rikorrenti Joseph Vella, Carmela mart Charles Debrincat, Antonia armla ta' Laurence Spiteri, Dolores mart Sam Apap, Margaret mart Frank Said u Saviour ahwa Vella u b'digriet tal-1 ta' Marzu 2011 gie mizjud Carmel Vella.

4. Illi inoltre' fit-tnax (12) ta' Ottubru elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) miet l-imsemmi Francis Vella, bin il-mejtin Joseph u Margaret nee' Bajada, li kien imwieled u joqghod Sannat, Ghawdex, u dan kif jidher mic-certifikat tal-mewt li kopja tieghu qed jigi hawn annessa bhala D;

5. Illi Francis Vella rregola s-successjoni tieghu permezz ta' zewg testmenti (Dok F u G), u cioe' wiehed tas-sitta (6) ta' Marzu elf disa' mija u sebghin (1970) atti Nutar Giuseppe Cauchi (Dok H) u l-iehor tat-tletin (30) ta' Ottubru elf disa' mija u disghin (1990) atti Nutar Paul George Pisani (Dok I). Illi b'dawn it-testmenti huwa ordna xi legati, izda ma nnominax eredi. Ghaldaqstant wirtuh skond il-ligi wliedu u cioe' Joseph Vella, Carmela mart Charles Debrincat, Antonia armla ta' Laurence Spiteri,

Dolores mart Sam Apap, Margaret mart Frank Said u Saviour ahwa Vella;

6. Illi permezz ta’ decizjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Ottubru elfejn u sebgha (2007) fl-ismijiet ‘Antonio Spiteri et vs L-Avukat Dottor Chris Said nomine’, il-Qorti ordnat l-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija fit-tesrmenti ta’ l-imsemmi Francis Vella (Dok J);

7. Illi mill-ulied u successuri ta’ Francis u Josephine konjugi Vella, miet Saviour Vella nhar id-dsatax (19) ta’ Lulju elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) (Dok K). Huwa ma ghamilx testmenti f’Malta u ghaldaqstant fir-rigward ta’ l-eredita’ tieghu f’Malta wirtuh skont il-ligi l-hames uliedu intimati u cioe’ Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski, ahwa Vella.

8. Illi r-rikorrenti ma jridx jibqa’ iktar fi stat ta’ komunjoni dwar l-ereditajiet ta’ l-imsemmija genituri tieghu Francis u Josephine konjugi Vella.

9. Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti kollha personalment.

L-attur talab ghalhekk lil din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi s-successjoni ta’ Josephine Vella, bint il-mejtin Saviour Spiteri u Mary Dolores nee’ Gambin, imwielda u kienet toqghod Sannat, Ghawdex li mietet fl-ghaxra (10) ta’ Mejju elf disa’ mija u sebgha u sittin (1967) giet aperta favur il-kontendenti jew min minnhom fil-kwoti illi jistghu talvolta jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza;

2. Tiddikjara illi s-successjoni ta’ Francis Vella, bin il-mejtin Joseph u Margaret nee’ Bajada, li kien imwieled u joqghod Sannat, Ghawdex li miet fit-tnax (12) ta’ Ottubru elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) giet aperta favur il-kontendenti jew min minnhom fil-kwoti illi jistghu talvolta jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza;

3. Tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti tal-mejtin Francis u Josephine konjugi Vella billi tiddikjara li jikkonsistu f’dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f’zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta’ Josephine Vella u lill-assi partikolari ta’ Francis Vella;

5. Tillikwida l-konsistenza ta’ l-assi ereditarji parafernali ta’ l-imsemmija Josephine Vella u tiddikjara li dawn jikkonsistu f’dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Tillikwida l-konsistenza ta’ l-assi ereditarji parafernali ta’ l-imsemmija Francis Vella u tiddikjara li dawn jikkonsistu f’dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Tiddividi dawn l-istess beni kollha skont il-kwoti stabbiliti u dan ad opera ta’ perit jew periti li jigu mahtura ghal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti;

8. Tahtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta’ l-opportun att ta’ divizjoni ta’ l-assi ereditarji hekk rizultanti bl-intervent ta’ kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

9. Fin-nuqqas, f’kaz illi jirrizulta illi l-beni m’humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni ta’ l-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fi kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad;

Bl-ispejjez kontra taghhom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

L-intimati hija mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Illi l-konvenuta Michelina Bugeja nomine fir-risposta guramentata taghhom eccepiet:

1. Illi l-konvenuta nomine ma topponix ghad-divizjoni u likwidazzjoni tal-assi erediatrji mitluba mir-rikorrent nomine purche' illi tali divizjoni ssir b'mod ekwu wara li jsiru l-verifiki tal-konsistenza tal-assi in divizjoni kif ukoll tal-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti mill-wirt tal-mejtin Francis u Josephine Vella;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ladarba ikun il-kaz; u

3. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine li hu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenuti Carmela mart Carmelo sive Charles Debrincat u ta' Antonia armla ta' Laurence Spiteri eccepew fir-risposta guramentata:

1. Illi l-ewwel zewg domandi huma ritwali f'gudizzju ta' din ix-xorta ghaliex il-proceduri ghall-apertura tas-successjoni hija fil-kompetenza tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u mhux il-kaz li hemm kontestazzjoni dwar id-dikjarazzjoni tal-ftuh tas-successjoni kif del resto jippresumih l-attur innifsu fil-premessi tar-rikors guramentat. Ghalhekk huwa sottomess li apparti l-irritwalita' tal-ewwel zewg domandi ghandu jigi dikjarat u deciz li huma superfluwi bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Illi rigward il-hames u sitt talba, it-talba kellha tkun ghar-rigward tal-likwidazzjoni u fissazzjoni tal-assi 'partikolari' u mhux 'parafernali' billi jigi dikjarat f'nofs l-assi konjugali hekk likwidati u f'dawk il-beni l-ohrajn partikolari li jirrizultaw.

3. Illi ghar-rigward tas-seba' (7) talba, l-attur naqas li jindika f'liema kwoti ghandhom jintirtu u jigu divizi l-assi li jirrizultaw bejn il-kontendenti.

4. Illi ghar-rigward tal-fissazzjoni u l-konsistenza tal-assi konjugali gia ezistenti bejn il-mejtin Francis u Josephine konjugi Vella ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni proceduri ohrajn pendenti quddiem din il-Qorti rigward trasferimenti li sar ta' proprjeta' li l-ezitu taghhom jista'

jincidi fuq il-mertu ta' din il-kawza u senjatament ic-citazzjoni numru 65/2007(AE) fl-ismijiet 'Michelina Bugeja noe vs Joseph Vella'.

5. Illi mill-bqija, l-esponenti jiddikjaraw li mhumiex kontra ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi msemmija, purke' issir il-verifika tal-assi u l-kwoti rispettivi.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri u rat li Dr Georgine Schembri ghall-attur nomine u Dr Alfred Grech ghall-konvenuti Carmela Debrincat u Antonia Spiteri rrimettew ruhhom ghar-rapport.

Rat li Dr Jean Paul Grech ghall-konvenuti l-ohra baghat kopja tar-rapport lill-assenti izda ma kellu l-ebda risposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

**Kunsiderazzjonijiet**

Din il-kawza titratta l-qasma tal-gid li kien ta' Francis u Josephine konjugi Vella. Mill-atti jirrizulta s-segwenti:

1. Josephine Vella mietet fl-10 ta' Mejju 1967 u zewgha Francis Vella miet fit-12 ta' Ottubru 1991. Huma kellhom sebat itfal ossija Joseph, Carmela Debrincat, Antonia Spiteri, Dolores Apap, Margaret Said, Charles u Saviour.

2. Saviour Vella miet fid-19 ta' Lulju 1986 u l-eredi tieghu huma wliedu Rose Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski.

3. Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2008 il-partijiet iddikjaraw li hemm qbil li m'hemmx kontestazzjoni li huma kollha werrieta ta' Josephine Vella li mietet intestata. Hemm qbil ukoll illi Francis Vella miet testat u l-kontendenti kollha huma werrieta.

4. Permezz ta' nota tal-10 ta' Dicembru 2008 l-attur nomine irtira l-ewwel u t-tieni talba.

5. Fis-seduta mizmuma mill-Perit Valerio Schembri fl-24 ta' Marzu 2011 il-partijiet qablu li l-lista ta' proprjetajiet elenkata fl-affidavit ta' Joseph Vella hija wahda li tinkorpora l-proprjeta' kollha in divizjoni salv li Dr Formosa rriservat li tinforma lill-Perit Tekniku jekk hemmx xi proprjeta' ohra wara li tikkonsulta mal-patrocinati taghha. Fin-nuqqas il-lista in kwistjoni kellha tigi kkunsidrata bhala wahda definittiva. Ma jirrizultax li l-Perit Tekniku gie infurmat li kellu jkun hemm inkluza xi proprjeta' ohra.

6. Mir-rapport tal-Perit Tekniku jirrizulta li l-proprjetajiet in divizjoni huma s-segwenti. Huwa ghamel ukoll stima ta' l-istess proprjetajiet:

(i) **Garage gewwa Triq is-Sajjieda, Xlendi, Ghawdex[1] -** din il-proprjeta' libera u franka giet stmata fl-ammont ta' hamsin elf Ewro (€50,000)

(ii) **Il-fond numru ghaxra (10) gewwa Triq Gruwa, Sannat, Ghawdex[2]** - din il-proprjeta' libera u franka giet stmata fl-ammont ta' tliet mitt elf Ewro (€300,000)

(iii) **L-art maghrufa bhala 'Tal-Barriera' gewwa Sannat, Ghawdex[3]** - din il-proprjeta' giet stmata libera u franka fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000)

(iv) **L-art maghrufa bhala 'Tal-Gruwa' gewwa Sannat, Ghawdex[4]** - din il-proprjeta' libera u franka giet stmata fl-ammont ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000)

(v) **Porzjon raba' li jmiss mal-fond 23/24 Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex[5]** - din il-proprjeta' giet stmata libera u franka fl-ammont ta' tliet mija u ghoxrin elf Ewro (€320,000)

---

[1] Pjanta esebita bhala Dok A a fol 171 tal-process
[2] Skizz tal-varji sulari ezebit bhala Dok B a fol 172 tal-process
[3] Indikata bl-ittra B fuq Dok S1 a fol 50 tal-process
[4] Ara Dok S2 a fol 51 tal-process
[5] Murija u indikata bl-ittri IBCD fuq Dok S3B a fol 52b tal-process

(vi) **Porzjon raba' maghruf bhala 'Tal-Harruba' gewwa Triq ix-Xabbata, Sannat, Ghawdex**[6] - din il-proprjeta' suggetta ghad-dritt ta' passagg ta' terzi giet stmata fl-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000)

7. Illi ghalhekk minn tali valutazzjonijiet jirrizulta li meta wiehed ighodd il-valuri tal-proprjetajiet kollha elenkati t-total huwa ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (€725,000).

8. Il-Perit Tekniku fir-rapport tieghu ikkonkluda s-segwenti:

*'Isegwi ghaldaqstant illi trid issir qasma f'seba' (7) porzjonijiet u wiehed mill-porzjonijiet irid ulterjorment jinqasam f'hames porzjonijiet ohra.*

*Jirrizulta illi jinhtieg li fl-ewwel qasma u cioe dik tas-seba' (7) porzjonijiet, kull porzjon irid ikollu valur ta' cirka €103,571.00 u dan jaghmilha mpossibbli li l-partijiet kollha jiehdu sehemhom in natura. Dan jinghad fid-dawl li hemm proprjetajiet li pressa a poco ghandhom valur ta' tliet ishma kull wiehed, u jekk wiehed jigi biex fizikament jaqsamhom ser jaghmilhom hsara konsiderevoli ghall-valur taghhom.*

*Fic-cirkostanzi l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi l-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna mhix komodament divisibbli bejn il-kwoti rispettivi spettanti lill-partijiet mill-ereditajiet in kwistjoni.*

*Isegwi ghaldaqstant illi mhux possibbli li jsir pjan ta' qasma li jista' jakkomoda l-artikolu 503 tal-Kodici Civili hekk kif ordnat li jsir mill-Onorabbli Qorti bid-digriet taghha tas-17 ta' Frar 2012 fl-eventwalita' li kien hemm immobbli bizzejjed sabiex il-partijiet jiehdu sehemhom in natura'.*

[6] Dwar din il-proprjeta', il-Perit Tekniku spjega li ai fini ta' din il-valutazzjoni, il-konfini ta' din il-porzjon raba' kif indikat bil-linja ntermittenti hamra fuq Dok SG 0112010 a fol 201 tal-process u dan minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni tal-garanzija tal-pacifiku pussess fl-eventwalita' li l-konfini jigu kkontestati minn terzi. Fil-valutazzjoni l-Perit Tekniku ha in kunsiderazzjoni l-possibilita' ta' evizzju mill-parti mmarkata ABCD fuq Dok SG 011201.

9. Illi kif inghad fis-sentenza **Richard Falzon vs Construct Furniture Limited**[7] u s-sentenzi hemm citati li l-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kinetx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kelliex leggerment tinjora dik il-prova.[8]

Inoltre' fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja *et* vs Emmanuele Muscat *et***[9] fejn gie affermat li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli'.*

10. Kif diga' gie rilevat hadd mill-partijiet ma kkontesta r-rapport u l-istejjem tal-Perit Tekniku. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti qeghda taddotta r-rapport tal-Perit Tekniku fl-intier tieghu.

11. Ghalhekk ladarba l-immobbli formanti parti mill-assi ereditarji tal-konjugi Vella mhumiex komodament divizibbli din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tordna l-licitazzjoni ta' l-istess.

12. Fl-ahharnett b'referenza ghar-raba' eccezzjoni tal-konvenuti Debrincat u Spiteri ssir referenza ghad-

---

[7] Prim'Awla per Onor Imhallef Raymond C. Pace deciza fis-7 ta' Dicembru, 2006

[8] **John Saliba -vs- Joseph Farrugia**, Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; **Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**, Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001

[9] Appell Civili deciz fit-23 ta' Gunju 1967, Vol LI.I.390

decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Michelina Bugeja noe vs Joseph Vella** (Rik Nru: 65/2007) deciza fit-18 ta' Jannar 2010 minfejn jirrizulta li l-art maghrufa bhala 'Ta' Dun Luqa' sitwata f'Sannat, Ghawdex ma kinitx tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Din l-art kienet inbieghet minn Francis Vella lil ibnu Joseph Vella permezz ta' kuntratt fl-1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi :

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba stante li din giet irtirata permezz tan-nota tal-10 ta' Dicembru 2008.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li din giet irtirata permezz tan-nota tal-10 ta' Dicembru 2008.

3. Tillikwida l-gid ta' Francis u Josephine Vella bhala dawk l-immobbli msemmija fil-paragrafu 6 ta' din is-sentenza ossija:

(i) Garage gewwa Triq is-Sajjieda, Xlendi, Ghawdex

(ii) Il-fond numru ghaxra (10) gewwa Triq Gruwa, Sannat, Ghawdex

(iii) L-art maghrufa bhala 'Tal-Barriera' gewwa Sannat, Ghawdex

(iv) L-art maghrufa bhala 'Tal-Gruwa' gewwa Sannat, Ghawdex

(v) Porzjon raba' li jmiss mal-fond 23/24, Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex

(vi) Porzjon raba' maghruf bhala 'Tal-Harruba' gewwa Triq ix-Xabbata, Sannat, Ghawdex

4. Tiddikjara li l-beni ta' Francis u Josephine Vella huma nofs kull wiehed tal-proprjeta' fuq imsemmija.

5. Tichad il-hames u sitt talba stante li ma rrizultax li kien hemm assi ereditarji appartenenti lil Francis jew Josephine Vella

6. Tiddikjara li dawn il-proprjetajiet ghall-qasma mhumiex komodament divizibbli u ghalhekk tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-istess immobbli fuq imsemmija fil-paragrafu numru tlieta (3) taht is-subtitolu 'Decide'.

7. Tichad is-seba' u tmien talbiet stante li rrizulta li l-proprjetajiet mhumiex komodament divizibbli.

8. Tilqa' d-disa' talba u ghalhekk tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-imsemmija proprjetajiet. Ai fini ta' valutazzjoni tal-immobbli dawn ghandhom jibdew bil-prezz skont l-istima tal-Perit Tekniku Valerio Schembri[10] li jirrizultaw mir-rapport tieghu.

9. Tordna li r-rikavat jinqasam inkwantu ghal settima parti (1/7) lil Emanuel Gauci li qieghed jidher ghan-nom ta' Joseph Vella; settima parti (1/7) lil Carmela mart Charles Debrincat; settima parti (1/7) lil Antonia mart Laurence Spiteri; il-kumplament lil Dr Jean Paul Grech nomine sabiex settima parti (1/7) tittiehed minn Dolores mart Sam Apap; settima parti (1/7) tittiehed minn Margaret mart Frank Said; settima parti (1/7) tittiehed minn Charles Vella u r-rimanenti settima parti (1/7) tittiehed mill-eredi ta' Saviour Vella fi kwoti ugwali bejniethom ossija minn Rose

[10] Il-Perit Tekniku ghamel stima li (i) l-garaxx gewwa Triq is-Sajjieda, Xlendi, Ghawdex ghandu valur ta'

€50,000; (ii) il-fond numru ghaxra (10) gewwa Triq Gruwa, Sannat, Ghawdex ghandu valur ta' €300,000; (iii) l-art maghrufa bhala 'Tal-Barriera' gewwa Sannat, Ghawdex ghandha valur ta' €5,000; (iv) l-art maghrufa bhala 'Tal-Gruwa' gewwa Sannat, Ghawdex ghandha valur ta' €20,000; (v) Porzjon raba' li jmiss mal-fond 23/24 Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex ghandu valur ta' €320,000 u (vi) Porzjon raba' maghruf bhala 'Tal-Harruba' gewwa Triq ix-Xabbata, Sannat, Ghawdex ghandu valur ta' €30,000.

Enea, Frank, Joseph, Anthony u Margaret Cybulski, ahwa Vella.

L-ispejjez ta' l-ewwel zewgt talbiet attrici ghandhom jigu sopportati mill-attur nomine. Il-bqija ta' l-ispejjez, inkluzi dawk tal-bejgh b'licitazzjoni, ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------